**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Mejju 2021**

Rikors Numru: 7/21 AL

A B

vs

C D

(MR Nurmu 1571/2014)

Rat ir-rikors tar-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (2014), fil-Kappella ta' San Alwiġi f' Birkirkara, liema żwieġ huwa reġistrat bin-numru 1571/2014. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok 'A';

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal;

3. Illi ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u permezz ta' kuntratt redatt quddiem in-Nutara Dr. Anne Marie Tonna, fil-ħdax

(11) t’ Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) huma sseparaw formalment, filwaqt li l-mara irrivertiet lura għal-kunjom oriġinali tagħha Fabri. Kopja ta’ dan l-att huwa anness u mmarkat bħala Dok ’B’;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli, jew remot, għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Il-problemi f’din ir-relazzjoni bdew qabel mal-partijiet iżżewġu. Għalkemm qabel u wara dan iż-żwieġ huma ppruvaw jsalvaw ir-relazzjoni, dawn it-tentattivi ma ħallewx frott. Għalhekk huma kienu de facto separati mid-data taż-żwieġ.

5. Illi fil-kuntratt tas-separazzjoni l-partijiet ienu iddekadew mid-dritt illi jitolbu u/ew jirċievu manteniment mingħand xulxin.

6. Illi l-partijiet jixtiequ li jiġi pronunzjat id-divorzju bejniethom;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju bejniethom il-partijiet u tiddikjara bħala maħlul iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fil-wieħed u għoxrin (21) ta’ Ġunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u,

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mogħti lilu għal daqshekk minn din l-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dana jiġi debitament irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

Rat li l-intimata preżentat ir-risposta tagħha a fol 15 li permezz tagħha ppremettiet:

1. Illi hija ma topponix it-talba attriċi.

Tant għandha x’ tissottometti għas-savju ġudizzju ta’ din il-Qorti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Jannar 2021;

Ratir-risposta tal-intimata u l-affidavit taghha li permezz taghha qablet li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Awwissu, 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat ukoll it-talba li giet milqugha tal-intimata biex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` Farrugia u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-provedimenti kollha mehtiega f'dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.